L-Inizjattiva
taċ-Ċittadini
Ewropej

# Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej: Manwal dwar il-Promozzjoni tal-IĊE

Nagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex ikunu attivi fl-UE

# Werrej

Daqqa t'għajn: Merħba għall-manwal tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) ..... 2
Għaliex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej? ..... 3
Kif nistgħu nagħmlu lin-nies konxji tal-inizjattiva taċ-ċittadini? ..... 3
Dati ewlenin għall-komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ..... 4
Messaġġi ewlenin tal-IĊE ..... 4
Għodod u materjal għall-promozzjoni tal-IĊE ..... 6
  Il-logo ..... 6
  GIFs ..... 6
  ePoster ..... 7
  Filmati ..... 7
  Kampjuni ta' kopji fuq il-media soċjali ..... 8
  Kwiżżijiet ..... 9
  Kartolina ..... 9
  Strixxuni tas-sit-web ..... 10
  Skeda informattiva Ġenerali ..... 11
  Gwida tal-IĊE ..... 12
  Għall-għalliema u ż-żgħażagħ: Sett ta' għodod "Demokrazija tal-UE fl-Azzjoni" għall-iskejjel sekondarji ..... 12
  Riżorsi oħrajn ..... 13
Skopri aktar ..... 14

# Daqqa t'għajn: Merħba għall-manwal tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE)

L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) hija għodda unika tad-demokrazija parteċipattiva li tippermetti liċ-ċittadini tal-UE minn Stati Membri differenti jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea (KE) tipproponi bidliet leġiżlattivi dwar kwistjonijiet li huma importanti għalihom.

Il-parteċipazzjoni fid-demokrazija Ewropea hija d-dritt ta' kull ċittadin tal-UE. Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jiffirmaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej jew jibdew waħda tagħhom stess.

It-tnedija ta' inizjattiva taċ-ċittadini tirrikjedi mill-inqas 7 ċittadini tal-UE, li jgħixu f'7 Stati Membri differenti, li għandhom biżżejjed żmien biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej.

Huma jagħżlu suġġett li jinteressahom, minn kwalunkwe qasam fejn il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni u tissottometti proposta dwaru. Il-Kummissjoni tivverifika l-ammissibbiltà legali tal-idea u tiddeċiedi jekk tirreġistrax l-inizjattiva.

Jekk tiġi rreġistrata, l-inizjattiva tittella' fuq is-sit web tal-IĊE, tiġi tradotta fil-lingwi kollha tal-UE, u l-organizzaturi jistgħu jibdew jiġbru l-firem. Għandhom sena biex jiġbru miljun firma vverifikata – biex juru li Ewropej oħra wkoll timpurtahom l-idea. Jekk jinġabru biżżejjed firem, ir-rappreżentanti ta' livell għoli tal-Kummissjoni Ewropea jiltaqgħu mal-organizzaturi u, wara seduta pubblika organizzata mill-Parlament Ewropew, jiddeċiedu dwar liema azzjonijiet ta' segwitu, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jittieħdu.

L-inizjattiva jenħtieġ li tkun konformi mal-valuri tal-UE u d-drittijiet protetti fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Iċ-ċittadini tal-UE li jixtiequ jibdew inizjattiva jistgħu jikkonsultaw il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, spazju biex jiksbu informazzjoni prattika u pariri dwar l-IĊE. Tgħarraf iktar fuq is-sit web tal-IĊE.

Mill-2012, madwar 1 000 ċittadin tal-UE bdew aktar minn 100 inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, u ġabru kważi 20 miljun firma ta' appoġġ fl-UE kollha. Għaxar inizjattivi ta' suċċess diġà rċevew tweġiba mill-Kummissjoni, u għadd minnhom qed jiġbru l-firem. Sibhom kollha hawn.

Meta taqra dan il-manwal se:

- Tkun taf għaliex huwa importanti li ċ-ċittadini jiġu infurmati dwar l-IĊE
- Tiskopri għodod u materjal biex jgħinu jispjegaw l-IĊE
- Tkun lest li tgħin biex ixxerred il-kelma dwar l-IĊE – ingħaqad magħna u uża leħnek biex tippromwovi l-IĊE fost in-networks tiegħek.

# Għaliex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?

L-IĊI toffri liċ-ċittadini tal-UE l-opportunità li jkunu involuti direttament fil-proċess demokratiku Ewropew u tagħtihom vuċi akbar fil-politiki tal-UE.

Bħala ċittadini Ewropej, ilkoll naqsmu valuri komuni u, anke jekk ngħixu f'pajjiżi differenti, nistgħu nkunu passjonati dwar l-istess kwistjonijiet. Permezz tal-IĊE, iċ-ċittadini jistgħu jingħaqdu ma' persuni oħra minn madwar l-UE biex jingħaqdu madwar kwistjoni li tinteressahom, jibdew dibattitu u jinfluwenzaw il-politiki tal-UE.

# Kif nistgħu nagħmlu lin-nies konxji tal-inizjattiva taċ-ċittadini?

Irridu li kemm jista' jkun nies isiru konxji tal-IĊE u jkunu jistgħu jużawha biex jippromwovu l-kawżi li jinteressawhom – inklużi ċ-ċittadini fiż-żona tiegħek!

L-ideat li ġejjin huma azzjonijiet li tista' faċilment tinkorpora fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni eżistenti tal-organizzazzjoni tiegħek:

- Tinkludi artiklu qasir, intervista, jew blogpost dwar l-IĊE fuq is-sit web tiegħek u fil-bullettin tiegħek. Tista' tispira ruħek jew terġa' tuża l-informazzjoni li tinsab fin-newsletter tal-IĊE ta' kull xahar. Tista' tikkunsidra wkoll li tinvolvi organizzaturi ta' IĊE jew Ambaxxaturi tal-IĊE minn pajjiżek.
- Tippubblika filmati, bis-sottotitoli bil-lingwa tiegħek, li jispjegaw kif taħdem l-IĊE u jenfasizzaw il-benefiċċji ewlenin tagħha fuq is-sit web u l-mezzi tal-media soċjali tiegħek.
- Tuża l-mezzi tal-media soċjali tiegħek biex taqsam ftit posts dwar l-IĊE, bl-użu ta' materjal lest. Tinsiex iżżid l-hashtag tal-kampanja: **#EUTakeTheInitiative.** Tista' terġa' tippostja kwalunkwe aħbarijiet dwar l-IĊE disponibbli fil-grupp uffiċjali tal-Facebook tal-IĊE. It-tim tal-IĊE huwa lest ukoll li jgħin jaqsam kwalunkwe materjal disponibbli biex il-promozzjoni ssir bla xkiel. Ibgħatilna email bit-talba tiegħek u se nkunu lesti biex ngħinuk!
- Toħloq news flash fuq is-sit web tiegħek kull darba li inizjattiva ġdida tiġi rreġistrata jew tibda tiġbor il-firem.
- Żid strixxun tal-IĊE fis-sit web.
- Inkorpora informazzjoni dwar l-IĊE f'avvenimenti rilevanti li l-organizzazzjoni tiegħek tospita u itlob materjal stampat biex tużah u tqassmu. Il-materjal stampat huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u jista' jintbagħat lilek mingħajr ħlas.
- Jekk taħdem mal-iskejjel sekondarji jew mal-gruppi taż-żgħażagħ, uża s-sett ta' għodod edukattivi "Id-Demokrazija tal-UE fl-Azzjon" għat-tagħlim ta' ispirazzjoni u l-ħidma fi gruppi.

# Dati ewlenin għall-komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

| | |
|---|---|
| **l-1 ta' April** | Anniversarju tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-IĊE |
| **Marzu** | Avveniment ta' Jum l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (id-data eżatta tinbidel kull sena, segwi l-aġġornamenti permezz tal-bullettin jew is-sit web tal-IĊE) |
| **Id-9 ta' Mejju** | Jum l-Ewropa (mument tajjeb biex in-nies jiġu mħeġġa jiffirmaw l-inizjattivi taċ-ċittadini) |
| **il-15 ta' Settembru** | Jum Internazzjonali tad-Demokrazija (mument tajjeb biex in-nies jiġu mħeġġa jiffirmaw l-inizjattivi taċ-ċittadini) |
| **Tfakkira matul is-sena skolastika** | Promozzjoni tas-sett ta' għodod edukattivi tal-IĊE għall-iskejjel sekondarji |

# Messaġġi ewlenin tal-IĊE

Jagħmel lin-nies aktar konxji tal-IĊE bħala mekkaniżmu għall-involviment ċiviku. Iħeġġiġhom jiskopru l-inizjattivi miftuħa u jiffirmaw dawk fosthom li jappoġġaw.  Tista' tuża dawn is-sentenzi mħejjija minn qabel biex turi l-inizjattivi fin-network tiegħek jew tadattahom kif rilevanti.  Tinsiex tuża immaġni tal-IĊE li tinsab fis-sit web.

| **Meta n-nies jistaqsu…** | **Tista' tgħid…** |
|---|---|
| ***"X'inhija l-IĊE?"*** | L-**inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** hija għodda tad-demokrazija parteċipattiva li tagħti liċ-ċittadini tal-UE d-**dritt** li jkollhom vuċi fil-politiki tal-UE li jaffettwawhom, billi tipproponi ideat għal liġijiet ġodda.<br>• Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jiffirmaw kwalunkwe inizjattiva miftuħa taċ-ċittadini jew li jibdew waħda ma' oħrajn.<br>• Grupp ta' 7 ċittadin tal-UE jista' jipproponi bidla li jixtiequ jaraw fl-UE, imbagħad ikollhom sena biex jiġbru miljun firma ta' appoġġ.<br>• Jekk jintlaħqu miljun firma valida – il-grupp ta' organizzaturi jiltaqa' mal-leġiżlaturi u jirċievi tweġiba uffiċjali mill-Kummissjoni Ewropea. |
| ***"Għaliex għandha tinteressani l-IĊE?"*** | L-IĊE **ġġib ideat ġodda** għall-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika tal-UE.<br>L-IĊE tagħti lilek u lil ċittadini oħra tal-UE **d-dritt li tieħu azzjoni dwar kwistjonijiet li jinteressawk** – u inti tista' tgħin lill-organizzaturi billi tappoġġa l-ideat tagħhom. Semma' leħnek billi tiffirma inizjattivi li tappoġġa. |
| ***"Kif nista' ninvolvi ruħi mal-IĊE?"*** | Bħala ċittadin tal-UE, inti tista':<br>• Tiffirma inizjattiva li għadha għaddejja<br>• Tappoġġa inizjattiva (ħin tal-volontarjat, promozzjoni, eċċ.)<br>• Tibda inizjattiva ġdida<br>• Tqajjem kuxjenza dwar l-IĊE |
| ***"X'nista' nikseb billi nibda/nappoġġa IĊE?"*** | L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej **tgħin biex twassal kawżi li jinteressawk fil-livell tal-UE**.<br>• Tqanqal dibattitu<br>• Tqajjem kuxjenza<br>• Tiskatta bidla fil-politika fl-UE<br>L-organizzazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini tgħinek tibni ħiliet ta' komunikazzjoni, negozjar, promozzjoni, eċċ. u tespandi n-network tiegħek. |
| ***"X'impatt kellha l-IĊE? Eżempji ta' Suċċess"*** | Grazzi għall-IĊE…<br>• L-aċċess għall-ilma tax-xorb nadif huwa protett fl-UE (Right2Water)<br>• Il-proċessi ta' awtorizzazzjoni ta' prodotti relatati mal-ikel bħall-pestiċidi, l-addittivi jew il-materjal tal-imballaġġ ikunu trasparenti; m'hemmx aktar studji tal-industrija sigrieta. (Projbizzjoni tal-glifosat)<br>• Aktar dibattiti dwar politiki futuri (eż. Projbizzjoni ta' sorveljanza bijometrika, Ħamrija b'saħħitha)<br>• Hemm pjan biex jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali fir-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ (Nippreżervaw il-kożmetiċi li ma jinvolvux krudeltà) |

| | |
|---|---|
| | • Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tniedi valutazzjoni tal-impatt dwar il-projbizzjoni tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-pinen tal-klieb il-baħar separati (Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar - Waqqaf il-Kummerċ (Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar - Waqqaf il-Kummerċ ) |

Għal aktar informazzjoni dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini li rċevew tweġiba mill-Kummissjoni, ara “Stejjer ta’ suċċess fuq il-forum tal-IĊE.

# Għodod u materjal għall-promozzjoni tal-IĊE

Fit-Taqsima ta’ hawn taħt, se ssib għodod u materjal differenti disponibbli biex tispjega/turi l-IĊE.  Wieħed jista’ jara l-materjal online, u xi materjal huwa disponibbli wkoll bħala fuljetti fiżiċi.

It-tim tal-IĊE huwa lest li jibgħatlek materjal stampat, skont it-talba tiegħek.  Jekk jogħġbok indika: l-isem tal-materjal li tixtieq tqassam, il-lingwa meħtieġa, il-kwantità, id-dettalji tal-konsenja u n-numru tat-telefown tal-persuna ta’ kuntatt, u l-iskadenza ideali biex tirċievi l-konsenja.

Ibgħat it-talba tiegħek lil:  SG-ECI-COMMUNICATION@ec.europa.eu

## Il-logo

Jekk tixtieq tippowstja dwar l-IĊE, ikkuntattja lit-tim tal-IĊE biex titlob il-logo uffiċjali tal-IĊE (bil-lingwa tiegħek) bl-email:
SG-ECI-COMMUNICATION@ec.europa.eu.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## GIFs

Il-GIFs (format għall-fajls tal-immaġni li jappoġġa kemm immaġnijiet animati kif ukoll statiċi) huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tal-IĊE.   Huma divertenti, informattivi u faċli biex jintużaw. Tista’ tniżżel GIFs differenti bil-lingwa tiegħek fit-taqsima tal-media soċjali .






## ePoster

Dan l-istrixxun huwa magħmul għal skrins diġitali (bħal għal fuq skrin tat-TV, f'bini komunitarju jew f'waqfa tal-karozzi tal-linja). Jista' jiġi stampat ukoll.




## Filmati

Hemm diversi filmati disponibbli li jistgħu jitniżżlu biex titqajjem kuxjenza dwar l-IĊE.  Niżżilhom hawnhekk.

**Filmat tal-Ambaxxatur tal-IĊE (2024) – disponibbli minn Novembru 2024**




**L-IĊE: Id-dritt tiegħek bħala ċittadin tal-UE (2022)**



Iċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt li jieħdu sehem fid-demokrazija Ewropea bl-inizjattiva taċ-ċittadini. Dan il-filmat jispjega kif iċ-ċittadini jistgħu jgħinu fit-tiswir tal-futur tal-UE billi jniedu jew jiffirmaw inizjattiva (verżjonijiet twal u qosra).

**X'inhija l-IĊE? Ħu l-Inizjattiva (2018)**



Għandek idea dwar kif tindirizza sfida li qed tiffaċċa l-Ewropa?  Tħoss li leħnek waħdu mhuwiex b'saħħtu biżżejjed biex jinstema'? Bl-IĊE, tista' tingħaqad ma' Ewropej oħra, biex tagħmel u tappoġġa proposti konkreti, f'oqsma fejn il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa.

**X'tista' tikseb bl-IĊE?    (2021)**




4 organizzaturi tal-inizjattiva jiddefinixxu l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tagħhom b'kelma waħda.

1:49 verżjoni twila | 0:15 verżjoni qasira

**Kemm għandek setgħa? (2018)**



L-involviment tal-animazzjoni biex titqajjem kuxjenza dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

**Kemm-il Ewropew hemm bżonn...? (2018)**



Filmat qasir (23sec), b'referenza umoristika, għall-promozzjoni tal-IĊE. Parir: Ittegja ħabib b'kawża li tinteressak

## Kampjuni ta' kopji fuq il-media soċjali

**Tfakkira: uża l-hashtag tal-Kampanja #EUTakeTheInitiative** (dejjem użat bl-Ingliż; mhux tradott)

Kun ċert li tagħmel hyperlink għal parti mis-sit web tal-IĊE (imfassal għal-lingwa tiegħek) - nirrakkomandaw il- paġna ewlenija jew il-paġna "sib inizjattiva" .

Għal ritratti kampjun, żur it- taqsima tal-media soċjali tas-sit web tal-IĊE.

| | |
|---|---|
| **Messaġġ prinċipali** | Kampjun tat-test għall-post/informazzjoni li għandha tingħata (punt = idea għal post) |
| **Tqajjim ta' għarfien ġenerali** | • Sejħa għaċ-ċittadini kollha tal-UE! Semma' leħnek bl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Tgħallem aktar illum u ffirma proposti li tappoġġa. [żid hyperlink, imfassal għal-lingwa tiegħek]<br>• Biddel l-ideat tiegħek f'azzjoni u jkollok sehem akbar fil-politiki Ewropej li jaffettwawlek ħajtek! Tgħallem kif tista' tingħata aktar attenzjoni għal kawża li hija importanti għalik bl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.<br>• L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija l-għodda tiegħek biex issemma' leħnek fit-tfassil tal-politika tal-UE. Skopri kif tista' tappoġġa inizjattivi li jinteressawk. |
| **Iffirma inizjattivi miftuħa** | • Għandek is-setgħa li tfassal il-politiki tal-UE! Iċċekkja l-inizjattivi kollha taċ-ċittadini Ewropej miftuħa għall-ġbir tal-firem u ffirma dawk li taqbel magħhom. [żid hyperlink, imfassal għal-lingwa tiegħek]<br>• [xx] għadd ta' inizjattivi taċ-ċittadini qed ifittxu appoġġ. Iċċekkjahom biex tara liema suġġetti taqbel magħhom u iffirma.<br>• L-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej huma proposti taċ-ċittadini għal regoli ġodda tal-UE. Iċċekkja dawk li huma miftuħa issa u ffirma dawk li tappoġġa.<br>• Uża d-dritt tiegħek li tiffirma l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej! Gruppi differenti ta' organizzaturi qed jippruvaw jiġbru miljun firma sabiex ikunu jistgħu jitkellmu ma' dawk li jfasslu l-politika tal-UE dwar l-ideat tagħhom. Tgħallem dwar l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa u ddetermina liema tixtieq tiffirma permezz tas-sit web tal-IĊE: |

| | |
|---|---|
| **Inizjattiva taċ-ċittadini ġdida rreġistrata** | • Il-Kummissjoni Ewropea rreġistrat inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ġdida. Tgħallem dwar l-objettivi tal-organizzaturi: [żid hyperlink]<br>• Ġiet irreġistrata inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ġdida! Minn issa, l-organizzaturi għandhom 6 xhur biex iniedu l-ġbir ta' miljun firma minn mill-inqas 7 pajjiżi tal-UE. Jekk l-inizjattiva tilħaq dan il-limitu, il-Kummissjoni se teżamina l-proposti u tiltaqa' mal-organizzaturi tal-inizjattiva, qabel ma tiddeċiedi jekk tiħux azzjoni jew le.<br>• L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej - semma' leħnek dwar l-aġenda politika tal-UE. Ġiet irreġistrata inizjattiva ġdida. Skopri l-proposti tal-organizzaturi u ċċekkja l-inizjattivi miftuħa kollha: [żid hyperlink, imfassal għal-lingwa tiegħek] |
| **Jum l-Ewropa** | • Taf kif se tiċċelebra l-#EuropeDay fid-9 ta' Mejju? Għaliex ma tiħux sehem fl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej? Huwa d-dritt tiegħek bħala ċittadin tal-UE! Iffirma inizjattivi miftuħa li inti tappoġġa. [żid hyperlink, imfassal għal-lingwa tiegħek]<br>• Kont taf li ċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jiffirmaw inizjattivi miftuħa taċ-ċittadini Ewropej? Ħu sehem fit-tiswir tal-Ewropa li tixtieq tgħix fiha f'din il-#EuropeDay. |
| **Bidu tas-Sena skolastika/tfak kira** | • Is-sena skolastika dalwaqt se tibda! Qed tfittex materjal ġdid biex tużah mal-istudenti tiegħek? L-għodda Edukattiva tal-IĊE tatrezza lill-istudenti bl-għarfien u l-ħiliet li jippermettulhom ikunu ċittadini attivi u impenjati tal-UE. Iċċekkja hawn! [il-link imfassla għal-lingwa tiegħek: https://citizens-initiative.europa.eu/schools/eci-educational-toolkit_mt] |

## Kwiżżijiet

Kwiżż online li jgħin liċ-ċittadini jsiru jafu aktar dwar l-IĊE. Tista' taċċessah hawnhekk; dan jikkonsisti f'6 mistoqsijiet u huwa disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Kwiżż komiku biex titgħallem dwar l-IĊE filwaqt li tipparteċipa fiżikament f'avveniment tal-IĊE. Dan il-kwiżż huwa fil-forma ta' 7 kartolini/mistoqsijiet u jista' jintlagħab minn viżitaturi li jdawru rota tal-fortuna, jieħdu numri minn skutella... l-għażliet huma f'idejn il-kreattività tiegħek.

## Kartolina

Kartolina tal-IĊE b'żewġ naħat hija disponibbli biex titniżżel fil-lingwi kollha tal-UE, ikklikkja hawn biex tniżżila. Tista' wkoll tordna verżjonijiet stampati bil-lingwa tiegħek u turihom fiċ-ċentru ta' informazzjoni jew fl-ispazju pubbliku tiegħek. Biex tirċievi kartolini stampati bil-lingwa tiegħek bla ħlas, jekk jogħġbok ikkuntattja l-IĊE bit-talba tiegħek.







## Strixxuni tas-sit-web

Tliet settijiet ta' strixxuni fuq il-web, disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, jistgħu jitniżżlu f'diversi daqsijiet.  Tista' tqiegħed l-istrixxun fuq is-sit web, il-bullettin, jew l-email tiegħek meta tqajjem kuxjenza dwar l-IĊE.

(728x90)



(250x250)




(300x600)




## Skeda informattiva Ġenerali

Skeda informattiva ġenerali dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija disponibbli biex [titniżżel.](). Hija tradotta fil-lingwi kollha tal-UE u tista' tintalab f'verżjoni stampata.



# Gwida tal-IĊE




Din [il-gwida](#) komprensiva dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (l-edizzjoni tal-2024) hija disponibbli biex titniżżel bil-lingwi kollha tal-UE mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE. Tista' titlob ukoll kopji stampati tal-gwida għad-distribuzzjoni fl-ispazji pubbliċi tal-organizzazzjoni tiegħek jew f'avvenimenti rilevanti.

# Għall-għalliema u ż-żgħażagħ: Sett ta' għodod "Demokrazija tal-UE fl-Azzjoni" għall-iskejjel sekondarji

Is-"**sett ta' għodod edukattivi Demokrazija tal-UE fl-Azzjoni — Semma' Leħnek bl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**" ġie żviluppat biex fl-aħħar snin tal-iskola sekondarja jgħammar lill-istudenti bl-għarfien u l-ħiliet li se jippermettulhom ikunu ċittadini tal-UE attivi u involuti, inkluż għarfien prattiku dwar l-IĊE. Is-sett ta' għodod jikkonsisti f'erba' unitajiet tematiċi, kull waħda b'enfasi differenti, li jkopru informazzjoni aktar ġenerali dwar l-UE sa informazzjoni u attivitajiet speċifiċi relatati mal-IĊE.




Is-sett ta' għodod jista' jintuża b'mod flessibbli fil-lezzjonijiet taċ-ċivika jew fejn jintuża approċċ ibbażat fuq is-suġġett. Dan jinkludi pakkett għall-għalliema u pakkett għall-istudenti, preżentazzjonijiet, filmati u kwiżż finali, u huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Jista' jintuża wkoll mill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex janimaw dibattiti dwar iċ-ċittadinanza attiva tal-UE. Tista' taċċessa s-sett ta' għodod [hawnhekk.](#)

# Riżorsi oħrajn

Riżorsi addizzjonali li nirrakkomandaw:

- Infografika tal-Forum tal-IĊE – *data* speċifika għall-pajjiż u għall-inizjattiva dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini, il-firem miġbura, l-organizzaturi, il-finanzi u aktar.

  Aġġornat kull sena qabel is-sajf. Paġna Ewlenija | Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (europa.eu)
- Blogs tal-Forum tal-IĊE u Stejjer ta' Suċċess – biex jgħinu biex jinkisbu perspettivi, pariri u lezzjonijiet diretti mill-organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini u membri oħra tan-network tal-IĊE.

Qed tfittex perspettiva ikbar? Il- ***Portal Semma' Leħnek*** jesplora d-diversi għodod disponibbli għaċ-ċittadini tal-UE biex jikkontribwixxu għall-politiki tal-UE. Minbarra l-IĊE, hemm Konsultazzjonijiet Pubbliċi u opportunitajiet ta' Feedback, jew iċ-ċittadini jistgħu jingħaqdu f'dibattitu bħala parti mill-Pjattaforma tal-Involviment taċ-Ċittadini: https://have-your-say.ec.europa.eu/index_mt

# Skopri aktar

| | |
|---|---|
| **Sit web** | Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (europa.eu) |
| **Facebook** | Segwi l-aġġornamenti u ppowstja l-attivitajiet tiegħek marbuta mal-IĊE fil-Grupp Uffiċjali tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej |
| **Bullettin** | Abbona fil-bullettin Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (europa.eu) (kull xahar; traduzzjoni awtomatika fil-lingwi uffiċjali tal-UE) |
| **Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** | Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (europa.eu) |
| **Kuntatti lokali** | Punti ta' Kuntatt Nazzjonali: Punti ta' kuntatt fil-livell nazzjonali (europa.eu)<br>Ambaxxaturi tal-IĊE Ambaxxaturi tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (europa.eu)<br>Ċentri Europe Direct: l-UE madwari |
| **Mistoqsijiet** | Għal mistoqsijiet jew biex titlob materjal stampat, ikkuntattja: SG-ECI-COMMUNICATION@ec.europa.eu |

© Unjoni Ewropea, 2024 L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jiġi rikonoxxut is-sors.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija regolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Numru tal-katalogu: KA-09-24-675-MT-N
ISBN: 978-92-68-20327-9
DOI: 10.2792/228455